# QORTI ĊIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF

## ROBERT G. MANGION

**Illum, 31 ta' Diċembru 2018.**

**Rikors Revoka Numru.917/2018**

**Fl-Atti tar-Rikors Maħluf Numru 623/2018RGM fl-ismijiet:**

**KEVIN ATTARD**

**VS**

**PHILIP CARDONA U MARIO CARDONA**

**Rikors preżentat minn Philip Cardona et. għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 912/2018 mahrug nhar l-4 ta' Ġunju 2018 fl-ismijiet:**

**KEVIN ATTARD vs PHILIP CARDONA u MARIO CARDONA**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Philip Cardona u Mario Cardona (aktar 'l isfel imsejha "l-ahwa Cardona") tal-14 ta' Settembru 2018 li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbu :

1. Prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni meqjusa necessarja, inkluz okkorrendo il-bdil contrario imperio tad-digriet taghha moghti nhar it-3 ta' Awissu 2018, fl-atti tar-Rikors Revoka Nru. 584/2018MH, wara l-mandat ta' sekwestru numru 912/2018 fl-ismijiet Kevin Attard vs Philip Cardona et;

2. Tikkunsidra dan ir-rikors b'urgenza;

3. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru bin-numru 912/2018 fl-ismijiet premessi b'mod shih, u dan ai termini tal-artikolu 836 (1) (d), u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tikkundanna, ghar-ragunijiet moghtija mill-artikolu 836 (8) (b) u/jew (d) tal-istess Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, lis-sekwestrant Kevin Attard sabiex ihallas il-penali massima mahsub mil-ligi, li tmur ghand ir-rikorrenti odjerni;

5. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti odjerni, inkluz fosthom l-ispejjez inkorsi in vista tal-mandat ta' sekwestru odjern, u tikkundanna lis-sekwestranti Kevin Attard sabiex ihallas lir-rikorrenti dawk id-danni hekk likwidati, u dan ai termini tal-artikolu 836 (9) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Sussidjarjament tordna lis-sekwestrant Kevin Attard sabiex, fit-termini tal-artkolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti, fi zmien stabbilit mill-Qorti garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax.

Rat ir-risposta ta' Kevin Attard tal-21 ta' Novembru 2018 li permezz taghha oppona ghar-rikors ghar-ragunijiet minnu hemm imsemmija.

Rat l-atti inkluz dawk tal-kawza fl-ismijiet "Kevin Attard vs Philip Cardona et" nru 623/18RGM pendenti quddiem din il-Qorti.

Ikkunsidrat;

.

Fil-qosor, il-fatti li waslu ghar-rikors in dizamina huma s-segwenti.

Sew ir-rikorrenti l-ahwa Cardona kif ukoll l-intimat Kevin Attard kienu azzjonisti u diretturi tal-kumpanija KPM Marine Services Limited. Inqalaw diversi kwistjonijiet bejniethom li waslu sabiex Kevin Attard intavola kawza[1] kontra Cardona fejn talab ix-xoljiment tal-kumpanija kif ukoll sabiex Cardona jhallsuh danni li allegatament sofra. Attard intavola wkoll kontra Cardona diversi mandati kawtelatorji.

Fil-mori ta' dik il-kawza il-partijiet itransigew il-pendenzi kollha ta' bejniethom tant illi fl-4 ta' Gunju tas-sena kurrenti 2018 resqu fuq skrittura ta' transazzjoni fejn fost l-ohrajn fthemu li l-ishma tal-ahwa Cardona kienu

[1] Citaz nru 29/2018JZM

ser jghaddu ghand Kevin Attard ghall-prezz hemm mifthiem. Fthemu wkoll li l-kawza imsemmija tigi ceduta u flejjes appartenenti lil Cardona depozitati l-Qorti kellhom jigu irtirati mill-istess Cardona oltre l-hlas tas-somma ta' Euros 163,500.00 minn Attard lil Cardona. Fuq l-istess skrittura gie *inter alia* dikjarat illi:

"Dan il-ftehim qed isir in via ta' transazzjoni. L-ewwel parti [ jigifieri Kevin Attard] qieghda taghti kwittanza assoluta lit-tieni parti [jigifieri Philip u Mario Cardona] u tiddikjara li ma ghandha ebda pretensjoni ta' kwalunkwe xorta kontra l-istess.(sottolinear tal-Qorti.)

Fl-istess jum tal-4 ta' Gunju 2018 Kevin Attardipprezenta fir-registru tal-qorti nota ta' cessjoni tal-kawza nru 29/2018JZM. Jidher illi tnehhew ukoll il-mandati kawtelatorji kollha li precedentement kienu inhargu kontra l-ahwa Cardona fuq talba ta' Kevin Attard. L-ahwa Cardona zbankaw il-flejjes depozitati l-Qorti. Fil-jum sussegwenti, u cioe' fil-5 ta' Gunju 2018 kien hemm is-seduta quddiem il-Qorti. Il-verbal jaqra hekk:-

***Meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u l-attur*[2]**

***Il-Qorti hadet konjizzjoni ta' nota li kienet prezentata l-bierah mill-attur, fejn kienet ceduta l-kawza stante ftehim.***

***Il-Qorti rat in-nota, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza u thassarha minn fuq il-listi.***

Fl-istess jum tal-4 ta' Gunju 2018 Kevin Attard, ad insaputa tal-ahwa Cremona, ipprezenta rikors fejn talab, u ottjena, l-hrug ta' mandat ta' sekwetru kawtelatorju kontra l-ahwa Cremona, ghas-somma ta' mitejn u sittin elf ewro (€260,000) u bhala kawzali iddikjara li s-somma minnu

[2] Kevin Attard

indikata kienet tirraprezenta "danni sostanzjali li sofra s-sekwestrant meta l-intimati kellhom l-ishma flimkien mas-sekwestrant tas-socjeta' KPM Marine Services". Hdax-il jum wara Attard intavola kawza kontra Cardona[3] fejn qed jitlob li Cardona jigu misjuba responsabbli ghad-danni li allegatament sofra meta Cardona kienu diretturi u azzjonisti flimkien mieghu fis-socjeta' KPM Marine Services Limited.

Fis-6 ta' Gunju 2018 l-ahwa Cardona intavolaw rikors revoka numru 584/2018MH fejn talbu ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 912/2018 liema rikors gie michud minn din il-Qorti diversament presjeduta permezz ta' provvediment tat-3 ta' Awissu 2018.

Sussegwentement l-ahwa Cremona pprocedew billi intavolaw ir-rikors mertu tad-decizzjoni odjerna.

Ikkunsidrat;

L-ewwel linja difensjonali ta' Attard hi li l-ahwa Cardona gia' intavolaw rikors simili u gie michud. Jissottometti illi Cardona ma kellhomx dritt jintavolaw rikors iehor ghar-revoka tal-istess mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

In sostenn ta' tali eccezzjoni l-intimat la ccita provvedimenti legali u lanqas gurisprudenza.

Issir referenza ghall-**Artikolu 836 sub-inciz 5 tal-Kap. 12** li jipprovdi illi :-

[3] Citaz nru 623/18RGM

*Ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1), u dan id-digriet ikun finali u irrevokabbli; u barra l-każ kontemplat fis-subartikolu (1)(a) ebda att kawtelatorju bħal dak ma jista' jinħareġ biex jiggarantixxi l-pretensjoni kontra l-persuna li kontriha l-att kawtelatorju hekk revokat ikun inħareġ, kemm-il darba fir-rikors għall-ħruġ ta' dak l-att kawtelatorju bħal dak ir-rikorrent ma jiddikjarax li jkunu nqalgħu ċirkostanzi minn meta ġie revokat l-att kawtelatorju ta' qabel, li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' att kawtelatorju ġdid bħal dak li jkun ġie revokat, u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom, ma' dan, japplikaw għal dak l-att kawtelatorju maħruġ mill-ġdid bis-saħħa ta' dak ir-rikors.*

Isegwi ghalhekk illi ma hemm l-ebda impediment legali li titressaq talba ohra ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju sabiex il-Qorti tikkonsidra mill-gdid tali talba precedentement rigettata.

L-intimat jeccepixxi wkoll illi wara li l-partijiet iffirmaw il-ftehim ta' transazzjoni u kwittanza assoluta sar jaf:-

**1. li kien hemm numru ta' oggetti li l-ahwa Cardona jew ma ghamlux u/jew hadu ghalihom u dan bhal per ezempju ghodda tal-bahar;**

**2. li l-ahwa Cardona baqghu ma ghamlux dak li kien mifthiem b'mod li huma llum il-gurnata ghadhom azzjonisti mal-esponenti tal-kumpanija fuq imsemmija;**

**3. konsegwentement l-intimat ma jistax idawwar kompletament fuq ismu l-bastiment proprjeta' tas-socjeta'**

Ikkunsidrat;

In tema legali appena huwa necessarju jigi sottolineat illi fi proceduri ta' din ix-xorta l-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju huwa wiehed ta' *prima facie.* Ezami *prima facie* ma hux ekwivalenti ghal ezami superfluwu jew legger izda ghandu jkun ezami bazat fuq dak li jirrizulta facilment minghajr il-htiega ta' hafna provi, approfondimenti u analizi li posthom huwa fil-process gudizzjarju solenni li jitratta u jiddeciedi definittivament il-mertu tal-konflitt ta' bejn il-partijiet. Din ormai hija gurisprudenza kostanti u assodata kif jirrizulta mill-ftit citazzjonijiet segwenti.

Fi provvediment moghti mill-**Qorti tal-Appell** fil-25 ta' Novembru 2016 f'rikors revoka nru 12/11 fir-rigward ta' zewg mandati kawtelatorji fl-ismijiet "**Grazio sive Horace Cachia vs Agostino Carbone et.**" intqal dan li gej fir-rigwawrd:-

*"Ikknsidrat illi fi proceduri ta' din ix-xorta, l-ezami li jehtieg li jsir minn din il-Qorti huwa limitat, ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn, b'dana illi skrutinju profond u dettaljat tal-vertenza jibqa' essenzjalment rizervat ghall-proceduri fil-mertu quddiem il-Qorti adita bil-kawza. Kif kellha okkazjoni tirrileva din l-istess Qorti, fid-decizjoni taghha tal-24 ta' April, 2015, fil-kawza fl-ismijiet Zealand Holdings Inc. v. Il-Bank esteru Amsterdam Trade Bank N.V. registrat fl-Olanda, f'dawn ilproceduri, din il-Qorti, ovvjament, ma tistax u mhijiex se tidhol biex tezamina l-pretensjonijiet fil-mertu taz-zewg nahat. Il-mandati kawtelatorji jinhargu fuq responsabbilta` ta' min jitlob il-hrug taghhom, u d-dritt ta' dak li jkun li jitlob il-hrug ta' mandati simili, biex jikkawtela lpretensjonijiet tieghu,*

*m'ghandux jigi mxekkel ingustament. Del resto, kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kaz Chetcuti v. Chetcuti, deciza fis-27 ta' Gunju 2002: "Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma lmertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-*ezitu talkawza. *("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. RCP. 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. RCP. 7 ta' Frar 2001)".*

"*Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-*kuntest *il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b`leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Minn dak li hareg waqt is-smigh tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata ezekutanti ghandha, tajjeb jew hazin, pretensjoni ta` hlas. Min-naha l-ohra, li kieku l-Qorti, f'dan il-waqt, taghti decizjoni dwar jekk huwiex minnu jew le, tkun qeghda tiddeciedi l-qofol tal-mertu tal-kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidhol fihom fi procedura bhal din. Jerga` jinghad hawnhekk li dan l-accertament ma ghandu blebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova filmertu ta` dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid thares bil-hrug tal-Mandat inghata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru.*" **(Provvediment moghti fl-10 ta' Awissu 2012 fir-rikors nru 688/12 PA/JRM fl-atti tar-rikors mahluf nru 164/12JRM fl-ismijiet "Jamar Malta Limited vs Office Group Limited.)**

Ikkunsidrat;

Ir-rikorrenti ahwa Cardona qed jallegaw illi l-mandat de quo mahrug fuq talba tal-intimat huwa rizultat ta' abbuz mill-proceduri gudizzjarji da parti ta' Attard. Isostnu illi fil-jum tal-4 ta' Gunju 2018 Kevin Attard filwaqt li deher mal-ahwa Cardona fuq skrittura ta' transazzjoni li permezz taghha ftehmu illi qed **jitransigu l-pendenzi kollha ta' bejniethom** tant illi in vista ta' tali transazzjoni l-istess Kevin Attard iddikjara illi qed jaghti "kwittanza assoluta" lill-ahwa Cardona filwaqt li ddikjara illi ma ghandu "l-ebda pretensjoni ta' kwalunkwe xorta" kontra l-ahwa Cardona; fl-istess jum, ghadu mhux car jekk hux qabel jew wara l-iffirmar tal-iskrittura ta' transazzjoni, Attard talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju ghas-somma ta' €260,000.00.

Il-Qorti ezaminat il-ftehim ta' transazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti jirrizulta *prima facie* illi fil-jum li fih Kevin Attard talab u ottjena l-hrug ta' mandat kawtelatorju ghas-somma ta' €260,000.00 kontra l-ahwa Cremona, kien qed jiffirma kuntratt ta' transazzjoni fejn iddikjara illi ma kellu l-ebda pretensjoni "ta' kwalunkwe xorta" kontra l-ahwa Cardona, mhux biss, talli tahom "<u>kwittanza assoluta".</u>

Mill-atti jirrizulta manifestament, u mhux biss *prima facie,* illi fl-istess jum li fih Kevin Attard ottjena l-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju mertu ta' dawn il-proceduri:

**1. Il-partijet iffirmaw skrittura ta' transazzjoni inkluz kwittanza assoluta da parti ta' Kevin Attard a favur l-ahwa Cardona;**

**2. Bil-kunsens ta' Kevin Attard l-ahwa Cardona zbankaw flejjes depozitati l-Qorti;**

**3. Kevin Attard ceda fir-registru l-kawza pendenti ghad-danni kontra l-ahwa Cardona;**

**4. Kevin Attard irtira l-mandati kawtelatorji pendenti kontra Cardona "stante transazzjoni";**

Ikkunsidrat;

Fil-fehma tal-Qorti t-transazzjoni u kwittanza assoluta iffirmata mill-partijiet fl-4 ta' Gunju 2018 tefghu fuq l-intimat l-oneru sabiex jiggustifika, ta' lanqas fuq livell ta' *prima facie*, illi nosnostante li fl-4 ta' Gunju 2018 huwa iffirma skrittura ta' transazzjoni u ta kwittanza assoluta lill-ahwa Cardona kif ukoll iddikjara illi invista tat-transazzjoni ma kellu "ebda pretensjoni ta' kwalunkwe xorta" kontra l-ahwa Cardona, tali transazzjoni ma kellha l-ebda effett fuq il-pretensjonijiet antecedenti tieghu fil-konfront ta' Cardona. Dan qed jinghad ghaliex kontra dak li issa qed jallega Attard fir-risposta ghar-rikors revoka, it-talba tieghu ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju ghas-somma ta' mitejn u sittin elf ewro (€260,000) giet imsejsa fuq il-kawzali: "rapprezentanti danni sostanzjali li sofra s-sekwestrant meta l-intimati kellhom l-ishma flimkien mas-sekwestranti tas-socjeta' KPM Marine Services Limited C-67876"

Huwa evidenti ghal din il-Qorti illi meta l-intimat ipprezenta fil-21 ta' Novembru 2018 r-risposta tieghu ghar-rikors revoka huwa kien nesa illi l-mandat ta' sekwestru de quo inhareg fuq rikors tieghu ipprezentat ad insaputa tal-ahwa Cardona fl-istess jum li fih kienu qed jiffirmaw l-iskrittura ta' transazzjoni. Apparentement l-intimat Attard nesa wkoll illi fir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju de quo iddikjara bil-gurament tieghu illi ried jikkawtela is-somma ta' €260,000.00 allegatament danni li sofra meta l-ahwa Cardona kellhom l-

ishma fis-socjeta' KPM Marine Services Limited u mhux ghal xi haga li grat wara.

*Prima facie* jirrizulta illi l-agir ta' Attard huwa abbuz tas-sistema gudizzjarju ghaliex kieku minnu dak li issa qed jallega Cardona, kien ikun f'posizzjoni li mar-risposta jipprezenta d-dokumenti kollha rilevanti kif jitlob tassattivament l-**artikolu 836 sub-inciz 3 tal-Kap. 12**. In-nuqqas tal-intimat li jottempera ruhu mad-dispost tas-sub inciz 3 tal-Artikolu 836 jimmilita kontra tieghu.

Fil-fehma tal-Qorti r-rikorrenti Cardona, irnexxielhom jippruvaw, fuq bazi *prima facie*, li l-hrug tal-mandat fuq talba ta' Attard ma kienx gustifikabbli u ghalhekk qed tilqa' t-talba ghar-revoka tal-istess mandat.

Dwar it-talba tar-rikorrenti ghall-kundanna ta' hlas ta' penali il-Qorti qed tirrizerva li tipprovdi fi stadju ulterjuri tat-trattazzjoni tal-kawza fil-mertu.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi,

1. Tilqa' l-ewwel talba u tirrevoka *contrario imperio* id-digriet moghti fit-3 ta' Awissu 2018 minn din il-Qorti diversament presjeduta.

2. Tiddikjara l-mertu tat-tieni u tas-sitt talba ezawrit.

3. Tilqa' t-tielet talba ai termini tal-artikolu 836 (1) (d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna l-hrug tal-kontro-mandat relattiv b'effett immedjat.

4. Tirrizerva li tipprovdi dwar ir-raba' u l-hames talba fi stadju ulterjuri tal-kawza.

Bl-ispejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**IMHALLEF** **DEPUTAT REGISTRATUR**

**Moghti kameralment illum 31 ta' Dicembru 2018.**